MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 46/1991/1

**Anthony Zahra**

**-vs-**

**Lawrence Camenzuli**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat li jhalsu l-ammont li jigi minn dina l-Qorti likwidat in linea ta' danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li gara f'Gharb Road, limiti ta' Victoria, Gozo nhar is-17 ta' Mejju 1991 meta l-attur filwaqt li kien qed isuq il-vettura tieghu tat-tip Escort (numru ta' registrazzjoni G0487) f'Gharb Road, limiti tar-Rabat, Ghawdex huwa sefa' investit mill-vettura tal-konvenut, tat-tip Land Rover (numru ta' registrazzjoni B2119) li f'habta u sabta minghajr l-ebda preavviz kisret ghal fuq in-naha tax-xellug ta' l-attur, bir-rizultat li grat il-kollizzjoni, liema

kollizzjoni, ghalhekk, grat unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja fis-sewqan u non-oservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu u li ghall-istess incident stradali hawn fuq imsemmi, l-istess kovnenut huwa unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-ewwel ta’ Lulju 1991 u bl-ingunzjoni ta’ l-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Ghall-finijiet tal-kompetenza qieghed jigi dikjarat li l-ammont involut f’dina l-istanza ma jaccedix il-mitejn u hamsin lira maltin (Lm250).

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi l-konvenut naqas li jidher fis-seduta tat-28 ta’ Settembru 2004 biex jirrispondi ghall-kapitoli pprezentati mill-attur.

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) rapprezentanti danni subiti mill-attur fl-incident awtomobilistiku f’Gharb Road, limiti ta’ Victoria.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------